MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 107/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**ALEXANDER CHIRCOP**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander Chircop ta' 56 sena, imwieled l-Isla nhar is-27 ta' Frar, 1948, bin Saviour u Carmela nee' Sky, residenti fil-fond F/2, Triq Pietro Russell, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita' numru 256048 (M) ;

Akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, matul Marzu, 2004 u Novembru, 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-

Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu ta’ Robert Azzopardi minn Had-Dingli;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Robert Azzopardi minn Had-Dingli li jasserixxi jew jikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi Charmaine Gerada, ufficjal pubbliku, sabiex igieghel lil Charmaine Gerada tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg kien ghal Robert Azzopardi minn Had-Dingli jew ghal xi haddiehor;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor, bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi Charmiane Gerada, ufficjal pubbliku;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bil-hsieb il jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Charmaine Gerada, ufficjal pubbliku, weggaghha bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji, jew b’xi mod iehor;

U aktar talli sar recediv *ai termini* tal-Artikolu 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta’ Novembur, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, cioe’ waqt l-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu stess wara li l-Qorti taghtu zmien skond il-Ligi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, fejn il-vittma ddikjara li kien qieghed jircievi pagamenti bhala restituzzjoni tal-flus mehuda mill-imputat;

Rat li *ai termini* tal-Artikolu 392 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti kkonvertiet ruhha ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali *in vista* tal-ammissjoni tal-imputat waqt l-istadju tal-ezami;

Rat l-Artikoli 252, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn (2) *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------